MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 252/1996/1

Citazzjoni numru 252/1996

Patrick u Doris konjugi Daly u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 1999 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Doris Daly stante l-mewt ta' Patrick Daly fil-mori tal-kawza

-vs-

Alex Attard

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi huma kienu hatru lill-konvenut bhala prokuratur taghhom u awtorizzawh sabiex fl-assenza taghhom huwa jkun jista' jizbanka flus minn kont bankarju sabiex jutilizza l-istess a beneficcju ta' l-atturi.

Illi l-konvenut ha minn dan diversi ammonti ta’ flus allegatament b’self jew taht xi pretesti ohra liema flus huwa zamm ghalih u ghamel uzu minnhom a beneficcju tieghu u ghadhom ma gewx restitwiti lill-atturi.

Illi inoltre l-konvenut kien qabad u minghajr il-kunsens tal-atturi approprija ruhu minn tlett tpingijiet originali li kienu gew depozitati mal-konvenut sabiex jibdel il-frame ta’ l-istess u l-konvenut qabad u biegh l-istess kwadri lil terzi u zamm ghalih il-proventi minn dan il-bejgh.

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet il-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghti kont skond il-Ligi u li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ l-ammont dovut lill-atturi bhala restituzjoni ta’ flus mehuda u kif ukoll rizarciment ta’ danni.

Talbu li din il-Qorti:

1. tordna lill-konvenut sabiex jaghti kont lill-atturi ta’ l-amministrazzjoni da parti tieghu ta’ flus u oggetti ohra fdati lilu.

2. Tillikwida u tiffissa l-ammont ta’ flus mehuda jew mizmuma mill-konvenut jew utilizzati ghall-uzu personali tieghu u li ghadhom ma gewx restitwiti.

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli lejn l-atturi ghad-danni minnhom sofferti meta dan qabad u minghajr id-debita awtorizazzjoni biegh il-kwadri fuq imsemmija.

4. Tillikwida dawn id-danni.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammonti stabbiliti fl-ewwel u fit-tielet domanda fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spediti f’Lulju 1996 u f’Settembru 1996 u ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fis-7 ta’ Ottubru 1996.

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi, preliminarjament, it-talbiet attrici huma insostenibbli peress illi l-azzjoni hija preskritta a bazi ta’ l-Artiklu 2157 tal-Kap 16.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti la ghandu jaghti xejn lill-atturi, u lanqas huwa responsabbli ghall-ebda danni dovuti lilhom, u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta fejn l-atti gew trasfuzi f’isem l-attrici stante il-mewt ta’ zewgha fil-mori tal-kawza (fol. 34);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza titratta mandat li l-atturi kienu taw lill-konvenut f’xi zmien f’Mejju tas-sena 1991. L-attur, li kien ta x-xhieda tieghu fis-27 ta’ Jannar 1998 (huwa miet sussegwentement f’Dicembru 1998 u l-atti gew trasfuzi f’isem martu) spjega li hu u martu kienu xtraw appartament f’Ghawdex, precizament fil-korp ta’ appartamenti imsejha “Royal Oak” fi Triq Zewwieqa, Qala, u spjega t-termini tal-mandat billi qal: “ .... in May 1991 the apartment was to all intents and purposes completed and in spite of Alex’s Attard misplaced enthusiasm it was decided to give him power of attorney over a bank book containing the sum of Maltese pounds seven hundred

and eighty five (Lm785), to take care of any unexpected expenses that may occur during our absence. **And this is basically the crux of the matter**” (enfasi tal-Qorti). Zied jispjega li l-bilanc fil-kont fid-19 ta’ Settembru 1991, meta l-ktejjeb tal-bank gie ritornat lil martu, kellu bilanc ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) b’dan li stqarr li bejn l-14 ta’ Gunju u l-11 ta’ Settembru ta’ l-istess sena l-konvenut kien gibed hames mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm595) li dwarhom ma ta’ ebda rendikont (xhieda a folio 19, para.4 u segwenti).

Issa, li l-prokura inghatat f’Mejju 1991, jew xi zmien ricenti ghaliha, jista’ jigi desunt mhux biss mix-xhieda tal-imsemmi attur izda wkoll mix-xhieda ta’ certu George Zammit (inkarigat mill-konvenut biex jaghmel xoghol ta’ dawl u ilma fl-appartament – ara fol. 60) u certu George Farrugia (burdnar inkarigat wkoll mill-konvenut ghall-sdoganar ta’ effetti personali tal-atturi – ara folio 62). Irrispettivament, pero’, minn meta giet konferita l-prokura, liema fatt assolutament mhux qieghed jigi michud mill-konvenut li jirrizulta fic-car li accettha, jirrizulta univokabilment li giet revokata bl-ittra ufficjali lilu spedita mill-atturi fit-30 ta’ Lulju 1996 li l-konvenut wkoll stqarr li kien koxxenti taghha tant li fix-xhieda tieghu (folio 39) afferma li “kont ikkunsidrajtha, fuq dak li kont ircevejt mill-avukat taghhom, li l-prokura kienet tnehhitli”.

Illi rijallacjat ma’ dak li stqarr l-attur (fuq riportat) dwar l-import tal-prokura jirrizulta li sostanzjalment hemm qbil dwar it-termini taghha. Il-konvenut difatti jghid li “dwar il-prokura li tawni l-konjugi Daly nghid illi kien biex niehu hsieb l-appartament li kienu xtraw …. kont inhallas kollox li kien hemm bzonn isir f’dan l-appartament”.

Issa fil-kuntest ta’ dan il-mandat jidher li l-attur qieghed jiccirkoskrivi l-pretensjonijiet tieghu fuq l-irtirar ta’ hames ammonti totalizzanti s-somma fuq imsemmi ta’ hames mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm595) (elenkati fid-dok. PD1, folio 13), oltre ammont ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300), allegat rikavat minn bejgh ta’ tlett pitturi cinizi, b’zieda ta’ ammont ta’ Lm300 li l-konvenut kien awtorizzat jiehu b’self.

De lege contenda il-mandatarju ghandu jaghti kont lill-mandant ta' dak kollu li jkun ghamel u ta' dak kollu li jkun ircieva bis-sahha tal-mandat (Artikolu 1875), jekk il-mandant ma jkunx espressament irrinunzja, fatt li f'dan il-kaz ma jirrizultax. Kwindi l-mandatarju kien obbligat li josserva d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 389 u 390 tal-Kap 12 u allura kien obbligat li jaghti kont bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh u li jkun fih d-dettalji imsemmija fl-ahhar citat artikolu. Il-gurisprudenza kostanti in materja, pero', ma tikkonsidrax il-forma tal-kont preskritta 'di rigore' basta li fil-kont ma jkunx hemm dizordni tali li jirrendi d-diskussjoni impossibbli (ara, fost ohrjan, Appell Vol.XXXIX pag 361).

Illi l-attur stqarr li l-uniku dokument li qatt tah l-konvenut kien dak, folio 14, dok. PD2 (li l-attur stess pprezenta) li fih hemm indikat oggetti, fost xi ismijiet, u l-ammont li ostensibilment gie minfuq. Il-konvenut fil-kors tax-xhieda tieghu stqarr li rigward ricevuti anki 'mazz' ghaddilhom lill-atturi. Il-Qorti, almenu, mid-dokument esebit, ghalkemm ma tirriskontrax ebda 'mazz' li l-konvenut seta' ipprovda, madanakollu propensa li taccetta li l-ammont ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm595) minfuq minnu gie effettivament minfuq fuq l-appartament. Il-provi, ghal dawk li huma, jekk xejn jindikaw li certa spiza verosimilment anka sostanzjali intnefqet fl-allestiment tad-dawl u ilma u l-burdnar. Dana apparti l-gurisprudenza li hi konkordi li ladarba kien hemm rendikont, allura l-azzjoni li jmissu ezercita l-attur, kienet dik ta' impunjazzjoni ta' dak il-kont u mhux ta' likwidazzjoni (Vol.XXIX.iii.227) u anki kieku l-kont ma giex moghti, l-azzjoni ma' setghet qatt tkun dik ta' likwidazzjoni imma dik ghall-ghoti tal-kont (Vol. XXXIV.i.375).

Inghad dan pero' ghandu jirrizulta li l-konvenut ghandu jirrestitwixxi lill-atturi l-ammont globali ta' Lm600, dovut in kwantu ghal Lm300 moghti lilu b'self li l-istess konvenut irrikonoxxa meta xehed quddiem din il-Qorti, oltre l-ammont ta' Lm300 tal-pitturi dwar liema ma qal xejn u allura tipprevali x-xhieda ta' l-attur. Dwar jekk irrendiex jew le servizzi kif sostnut mill-konvenut il-Qorti mhix

vestita li tissindakah lanqas ghall-finijiet ta' xi kompensazzjoni stante li f'kull kaz l-ammont talvolta minnu pretiz mhux la cert, la likwidu u la dovut. F'kull kaz il-mandat in kwistjoni kien mhux biss presunt gratwitu izda il-konvenut innifsu iddikjarah bhala gratwitu.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2157 tal-Kap 16 li jitratta l-preskrizzjoni kwinkennali rigward rendiment ta' kont. Hu palesi mid-dizjoni tal-artikolu innifsu li tali preskrizzjoni mhix sostenibbli fil-kaz in ezami principalment billi l-perjodu preskrittiv ta' hames snin jidba jidekorri "minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispicca" liema cirkostanza ma tirrisulta minn imkien.

Ghaldaqstant, tiddecidi l-kawza billi:

1. tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bi spejjes kontra tieghu;

2. tichad l-ewwel talba tal-atturi fil-waqt li tilqa il-kumplament u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-atturi s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) kif fuq intqal; spejjez kwantu ghal kwint ghall-atturi u erba kwinti ghall-konvenut.

Bl-imghax mill-1 ta' Awissu 1996 sal-effettiv pagament.

Jibqa' riservat lill-partijiet kull azzjoni lilhom spettanti *'si et quatenus'.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------